MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 430/2005

**Avviz numru 430/05DM**

**Maltacom p.l.c. (C22334)**

**Vs**

**Sarah Trading Co. Ltd. (C19435)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta, ghall-hlas tas-somma ta' elf, tmien mija, disgha u tmenin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm1,889.35) rapprezentanti ammont minnhom dovut in konnessjoni ma' servizzi tat-'telex' bin-numru 1473 (ATLX3/98).

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-kumpanija konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma deherux biex jikkontestaw it-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li semghet lill-PL Noel Scerri bil-gurament prodott mill-kumpanija attrici u rat id-dokumenti esebiti ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghda ghalhekk tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' elf, tmien mija, disgha u tmenin lira Maltin, u hamsa u tletin centezmu (Lm1,889.35) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mis-26 ta' Lulju, 2005.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------